# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Cassar)

(Spettur Doriette Cuschieri)

vs

Andre' Frendo

Kumpilazzjoni Numru: 369/23

Illum, 12 ta' Gunju, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Andre' Frendo detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 310097M akkuzat talli nhar l-erbgha u ghoxrin t'Ottubru 2022 ghall-habta ta' bejn nofs il-lejl (00:00Hrs) l-hamsa u nofs ta' filghodu (05:30Hrs) minn gewwa 55, Marija Bambina, Triq il-Biedja, Safi u/jew f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'hin';

U akkuzat aktar talli bejn il-lejl tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2023 u t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2023 minn gewwa 55, Marija Bambina, Triq il-Biedja, Safi u/jew f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

2. Ikkommetta serq ta’ flus kontanti u xi oggetti ohra li jammontaw ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-‘valur’ u bil-‘hin’;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2023 l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha tant li talab li jithejja

pre sentecing report li gie pprezentat mill-Probation Officer Maria Mifsud u mmarkat bhala Dok. MM1;

Illi taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet tal-istess Probation Officer Maria Mifsud.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18 u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Andre' Frendo** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija.

Illi din il-Qorti tirrakkomanda li l-imputat **Andre' Frendo** jinghata l-assistenza kollha sabiex ikun jista' jattendi programm ta' riabilitazzjoni fuq id-droga u ghal dan il-ghan qed jinghata Ordni ta' Trattament ghal zmien sena u liema ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**